SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2015

**DATA: It-Tnejn, 9 ta' Frar 2015** **ĦIN: 6.00p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul, il-Kunsilliera: Joseph Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri, s-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Uffiċċjal Eżekuttiv Louise Gatt u l-iskrivana Marilyn Ellul flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- *Resurfacing* ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- Tindif u Ġbir ta' Skart
- Immaniġjar tat-Traffiku
- ATM
- Attivitajiet u Inizjattivi tal-Kunsill 2014

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2015

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2015. Huwa spjega fid-dettal il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015
- Proġetti Strutturali
- Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Manutenzjoni tal-*Area* tal-Komun fil-Binjiet tal-Gvern
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- Proġett taz-zuntier tal-knisja

- Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout*
- Attivitajiet u Inizjattivi indirizzati lejn il-komunita'

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

***Is-Sur Jonathan Degabriele ID:486280M***

Is-Sur Degabriele rrefera għall-proġett tal-*underground garages* li ssemma fil-Pjan ta' Ħidma li kien għadu kif qara s-Sindku. Huwa staqsa jekk l-art li fuqha kien qed jiġi propost dan il-proġett, kienetx diġa ġiet devoluta lil Klabb tal-*Football.*

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li parti żgħira biss mill-*parking area* li hemm f'Dawret it-Torri kienet ġiet devoluta lil *Club* tal-*Football*. Huwa qal li l-Kunsill sar jaf b'kumbinazzjoni mill-Gazzetta tal-Gvern. Huwa kompla jgħid li ma kien hemm ebda konsultazzjoni mal-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku kompla jgħid li meta ġie rranġat il-*Football ground* kien sar ftehim bejn il-Kunsill u l-*Club* biex ttieħdet *area* żgħira mill-*Bicycle Track* biex il-*ground* seta jiġi fil-qis li suppost ikun. Huwa qal li l-ftehim kien jgħid li *Bicycle Track* kellu jiġi *reinstated* biex it-*track* jerġa jiġi wieħed kontinwu. Huwa qal li minkejja li għaddew diversi snin minn mindu ġie rranġat il-*football ground*, ix-xogħol li kien miftiehem li jsir fuq il-*Bicycle Track* baqa ma sarx.

***Is-Sinjura Irene Ellul ID:57256M***

Is-Sinjura Ellul irreferit għat-Trasport Pubbliku u qalet li hemm bżonn li terġa tibda ir-rotta lejn u minn Birżebbuġa***.***

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li suppost li din ir-rotta ser tigi fis-seħħ meta jibdew ir-rottot ġodda. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jiġbed l-attenzjoni ta' *Transport Malta* dwar dan. Is-Sindku qal li bi pjacir jinnota li l-X2 u X3 ser jgħaddu minn Santa Luċija. L-X2 u L-X3 ser jibdew jidħlu f'Santa Luċija u jgħaddu minn Triq il-Peprin fejn ser jieqfu fejn in-naħa t'isfel fejn it-taraġ tal-Kunsill fi Triq il-Peprin u jieqfu ukoll in-naħa ta' fuq ta' l-istess triq u joħorġu minn Triq Katerina Vitale għal fuq Luqa *Bye-Pass*.

***Is-Sur Mario Buttigieg ID:155756M***

Is-Sur Buttigieg irrefera għall-*Bring in Site* li tneħħiet minn Triq *Maria De Domenicis*. Huwa qal li minkejja li tneħħew il-*bins* xorta waħda għad hemm minn joħrog l-iskart domestiku f'din l-*area*. Huwa ssuġerixxa li ssir tabella biex dan l-abbuż ma jibqax isir. Is-Sur Buttigieg rrefera wkoll għal *sleeping policeman* li hemm f'Dawret it-Torri li għandha partijiet minnha neqsin u qal li din ilha hekk u qed toħloq periklu.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qabel li tista' ssir tabella fi Triq Maria De Domenicis kif ippropona s-Sur Buttigieg. Fir-rigward tas-*sleeping policeman*, is-Sindku qal li x-xogħol ilu ordnat. Huwa qal li meta tiġi biex tqabbel il-partijiet nieqsa li jkunu nsterqu, il-kuntrattur isibha diffiċli biex iqabbel mal-kumplament ta' l-i*sleeping policeman* peress li din tkun ilha li saret u ma' ssibx tixtri bħala eżatt.

***Is-Sur Liam Sciberras ID:56993M***

Is-Sur Sciberras irrefera għal fatt li f'Santa Luċija hawn *ageing population* u staqsa x'qed jagħmel il-Kunsill għall-anzjani fil-lokalita'

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li l-Kunsill jagħmel ħafna inizjattivi immirati lejn l-anzjani. Huwa semma t-taħdidiet dwar is-saħħa li jiġu organizzati flimkien mad-Dipartiment għall-Kura Primarja fejn nies professjonisti jgħatu pariri u tagħrif dwar diversi kundizzjonijiet mediċi li jolqtu l-aktar lil anzjani. Huwa semma s-servizz ta' titqib kontra l-influenza li jsir mill-Kunsill li dawk ir-residenti li għandhom aktar minn ħamsa u ħamsin sena. Is-Sindku qal ukoll li dalwaqt jibda kors tal-komputer għan-nies adulti u matul is-sena l-Kunsill jorganizza wkoll diversi attivitajiet immirati l-aktar lejn nies anzjani. Is-Sindku tkellem dwar il-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita' u qal li l-Kunsill ser ikompli jisħaq fuq dan il-proġett li jinkludi fih *Day Centre* għall-anzjani. Huwa semma wkoll il-laqgħa pubblika li organizza l-Kunsill dwar il-proposta għall-bini ta' dar għall-anzjani fil-konfini ta' Santa Luċija fejn ingħata tagħrif dettaljat dwar dan il-proġett. Is-Sindku qal li deher biċ-ċar li r-residenti anzjani preżenti għal din il-laqgħa kienu favur dan il-proġett u qed iħarsu lejh bħala opportunita' biex jirtiraw fl-istess ambjent li trabbew fih u viċin il-qraba tagħhom.

***Is-Sinjura Nancy Soler ID:776838M***

Is-Sinjura Soler irreferit għat-Trasport Pubbliku u lmentat dwar il-fatt li l-*bus* ġieli tieqaf għal għaxar minuti sħaħ fuq il-*Bus Terminus*.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li il-*buses* jiefqu fit-*terminus* biex jitilqu minn hemm fil-ħin stipulat. Huwa qal li l-ħin li jagħmlu fit-*Terminus* jiddependi fuq kemm idumu ma jaslu. Huwa qal li meta jaslu tard minħabba t-traffiku idumu anqas fuq il-*Bus Terminus*. Is-Sindku qal li f'Santa Luċija s-servizz huwa wieħed tajjeb għax idur ma' l-lokalita' kollha u jieqaf kull mitt metru u wieħed jieqaf ftit biss 'il bogħod minn fejn ikun irid imur.

***Is-Sur Jonathan Degabriele ID:486280M***

Is-Sur Degabriele semma l-proposta għal bini ta' Dar ghall-Anzjani fil-konfini ta' Santa Luċija u staqsa jekk il-Kunsill kienx favur jew kontra dan il-proġett.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li hu personali huwa favur dan il-proġett dejjem hekk isir konformi mal-liġijiet tal-pajjiż. Huwa qal li issa d-deċizjoni hija f'idejn il-*Mepa*. Huwa qal li r-rapport li tħejja dwar il-laqgħa pubblika li ġiet organizzata mill-Kunsill dwar dan il-proġett jitkellem biss dwar l-andament ta' din il-laqgħa u kopja tiegħu ntbagħtet lil membri parlamentari tad-distrett u lil *Mepa*. Huwa kompla jgħid li meta sema' b'dan il-proġett kien ingħata mpressjoni li dan kien ser isir fin-nofs tal-Wied Garnaw. Huwa qal li filfatt s-sit magħżul huwa wieħed ferm il-bogħod mill-qalba tal-wied. Is-Sindku stqarr li s-sit għal dan il-proġett imiss ma bini ferm akbar, dak ta' l-iskola sekondarja u jmiss ukoll ma' *main road*. Huwa qal li jħoss li jekk għandha tiġi emendata l-liġi biex isir dan il-proġett dan għandu jsir għax jinħass bżonn kbir għal aktar djar għall-anzjani speċjalment f'dawn in-naħat tal-pajjiż.

Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lil pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

***Il-Kunsillier Victor Camilleri***

Is-Sur Camilleri qal li xtaq ikompli fuq dak li qal is-Sindku dwar il-proposta tal-proġett ta' bini ta' dar għall-anzjani u qal li hu wkoll huwa favur li jsir dan il-proġett għax minnu jistgħu jibbenifikaw nies anzjani f'Santa Luċija.

***Il-Kunsilliera Caroline Galea***

Is-Sinjura Galea irringrazzjat lil dawk preżenti. Hija tkellmet dwar iż-żjarat li qed tagħmel bħalissa fid-djar tar-residenti fejn qed tara kemm anzjani għandhom problema ta' *loneliness*. Hija semmiet il-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita' li jinkorpora *Day Centre* iżda qalet li l-Kunsill m'għandux jibqa' jistenna iżda għandha ssir xi ħaga b'mod immedjat biex jingħata *day community time* lil anzjani. Hija qalet li din għandha tkun il-missjoni ta' Kunsill ġdid.

***Il-Kunsillier Joe Bonello***

Is-Sur Bonello irringrazzja lis-Sindku, l-Kunsilliera u Staff tal-Kunsill tal-koperazzjoni tagħhom. Huwa qal li wara l-elezjoni, Kunsill ġdid għandu jkompli fuq it-tajjeb li sab u jirranġa fejn hemm ħazin.

***Il-Viċi Sindku Terrence Ellul***

Is-Sur Ellul irrefera għal problema ta' l-ħrug minn Santa Luċija għal fuq *Xintill Roundabout* u qal li din kienet deċizjoni ta' *Transport Malta* u mhux sew li weħel il-Kunsill bil-konsegwenzi ta' din id-deċizjoni. Huwa qal li xtaq jirringrazzja lil Kunsill ta' l-opportunita' li tah biex jaħdem u awgura l-elezjoni t-tajba lil kulħadd.

***Is-Sindku Frederick Cutajar***

Is-Sur Cutajar irringrazzja l-kollegi tiegħu fil-Kunsill u saħaq li wara s-Sindku jkun hemm id-deċizjoni kollettiva tal-Kunsill. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha tal-ħidma kontinwa tagħhom fl-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li kemm ilu fil-Kunsill dejjem kien hawn kunsilliera serji u responsabbli li mexxew b'efficjenza f'Kunsill li fih jeżistu biss soluzjonijiet u mhux problemi. Huwa qal li xtaq issemmi wkoll *Water Project - irrigation* li l-Kunsill qed jaħdem fuqhu bħalissa bl-għajnuna ta' *ex*-Kunsillier tal-Kunsill ta' Santa Luċija Dr Malcolm Borg. Huwa awgura li Kunsill ġdid jimxi fuq it-tajjeb li ser iħalli dan il-Kunsill u jkompli jmexxi b'responsabilita'.

Fl-aħħar tad-diskors tiegħu is-Sindku rringrazzja lis-Sur Siro Camilleri tax-xogħol volontarju li jagħmel mal-Kunsill tul is-sena kollha.

**5. TMIEM**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**